MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2012

Numru 1093/2011

Il-Pulizija
(Spettur Malcolm Bondin)

vs

Anthony Apap

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 244093M akkuzat talli:

- fil-lejl ta’ bejn is- 6 u s-7 ta’ Awissu 2011 ghall-habta ta’ l-erbgha u nofs ta’ filghodu, gewwa l-bajja tas-San Giljan, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-vjolenza u bil-hin u sar ghad-dannu ta’ Alessandro Grappi u/jew persuna/i ohra.

Il-Qorti mitluba sabiex f'kas ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta'spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta;

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuza fl-liema ammissjoni insista anka wara li l-Qorti tahtu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkonsidrat:

l-ammissjoni tal-imputat hija wahda volontarja u inkondizzjonata ghall-akkuza ta' serq kwalifikat bil-vjolenza (numru) u hin.

Stante din l-ammissjoni tieghu l-Qorti qeghdha issibu u tiddikjarah hati tal-akkuza.

Rat il-fedina penali netta. Ikkonsidrat ukoll illi r-refurtiva giet irkuprata.

Rat l-Artikolu 261 (a) (f), 262 (1) (b), 270, 276, 277 (a) tal-Kap 9.

Tiddecidi ghal din id-darba li tillibera lill-imputat bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal sena mill-lum.

Il-Qorti spiegat lill-imputat ir-responsabiltajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------